MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru 1062/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Rennie Stivala)**

**vs.**

**Fulvio Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Fulvio Schembri**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Mario u Gabriella neé Vella, imwieled Pieta fis-17 ta' Ottubru 1984 u joqghod f'57, St. Mary House, Triq ir-Redentur, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 506384(M), akkuzat talli f'xi granet, f'Lulju 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. bil-hsieb li jwettaq frodi b'ghemil qarrieqi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' frodi b'eghmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba u disghin centezmu (€232.94), pero' ta' anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija Arriva;

2. Aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciza bi procedura sommarja (Dok. "RS 2"), u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet id-depozizzjoni ta' Mario Farrugia, in rapprezentanza tas-socjeta' Arriva Malta Limited, li xehed li l-ammont dovut lis-socjeta' Arriva Malta Limited mill-imputat ma jeccediex is-somma ta' seba' mitt Euro (€ 700.00).

Semghet lid-difiza, fis-seduta tallum, tiddikjara li l-imputat kien dispost li jhallas lis-socjeta' Arriva Malta Limited is-somma ta' seba' mitt Euro (€ 700.00).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, il-fatt li l-imputat huwa lest li jhallas l-ammont ta' seba' mitt Euro (€ 700.00) lis-socjeta' Arriva Malta Limited u kif ukoll, b'mod partikolari, il-fatt li f'kaz li l-imputat jinghata piena ta' prigunerija effettiva ma jkunx f'pozizzjoni li jhallas l-ebda ammont lis-socjeta' Arriva Malta Limited u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputat jinghata sentenza li permezz taghha jkun jista' fi zmien qasir ihallas lura dak li huwa dovut u fin-nuqqas jiskonta piena ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 41(1)(a), 18, 189, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal tlitt snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lis-socjeta' kwerelanta Arriva Malta Limited is-somma ta' seba' mitt Euro (€ 700.00).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlitt snin jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' € 700.00 fiz-zmien lilu moghti.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'

esperti jew periti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------